# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 18/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/06/'06** **207**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/06/'06** **260**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-23 ta' Ġunju 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Ġemellaġġ
5. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni
6. Residents' Parking Scheme
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Il-Kunsillier Karl Gouder wasal 2.10 p.m.

1.3.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 16/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg resqet emenda għal Paġna 9, Taqsima 9, Paragrafu 9.09 (IV) sabiex minflok **bit-tarmak** jitniżżel **bil-madum**.

1.3.04 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 16/K5/06 kif emendati.

1.3.05 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.07 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 17/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.08 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 17/K5/06.

1.3.09 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.11 Il-Kunsillier David Borg wasal fis-2.15 p.m.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2116 | E-mail mingħand l-ASKLM rigward it-Tmien Kungress tal-UDITE f'Malta. |
| 2131 | E-mail mingħand Saint James Eye Clinic rigward talba biex isir lecture fuq il-katarretti, fl-uffiċċini tal-Kunsill. |
| 2144 & 2539 | E-mails mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward il-proposta ta' tismija ta' Triq l-Ewropa. |
| 2306, K518 & 2527 | E-mail mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, ittra li bagħat il-Kunsill lill-Ministeru u l-acknowledgement ta' l-ittra rigward *Paceville Embellishment Central Area (maintenance and upkeep of Main Square)*. |
| 2443 | Ittra mingħand il-Wasteserv Malta Ltd. rigward il-Bring-In Site fi Triq Mikiel Anton Vassalli. |

2475 Ittra mingħand il-Wasteserve Malta Ltd rigward il-Bring-In Site fi Triq id-Dragunara.

2452 Ittra mingħand il-HSBC rigward it-talba li għamel il-Kunsill biex jiġi sponsorjat il-Community Training and Learning Centre ta' San Ġiljan.

2502 Ittra mingħand in-National Euro Changeover Committee rigward in-nominazzjoni ta' Kunsillier sabiex jieħu sehem fil-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro.

2507 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward it-talba li għamel il-Kunsill sabiex Triq il-Mensija u Triq Claire E. Engel jsiru one-way.

2545 Ittra mingħand il-Wise Owl Publications rigward il-ktieb *Malta at War*.

2653 Ittra mingħand il-Kunvent tal-Karmnu rigward talba biex il-Kunsill jagħti l-awgurju tiegħu fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-ktejjeb li jinħareġ f'din l-okkażjoni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 2116

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-ASKLM rigward it-Tmien Kungress tal-UDITE f'Malta, ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tattendi għal din il-konferenza bl-ispejjeż għall-Kunsill.

2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

2.04 Rif. Nru. 2131

Saret riferenza għall-e-mail mingħand Saint James Eye Clinic rigward talba biex isir lecture fuq il-katarretti, fl-uffiċċini tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir il-lecture dment li dan jittela' għall-ispejjeż ta' Saint James Eye Clinic u li, jekk ma jkunx hemmx xi oġġezzjoni mill-Kappillan, dan il-lecture isir fis-sala tal-parroċċa taż-żgħażagħ.

2.05 Rif. Nri. 2144 u 2539

B'riferenża għall-e-mails mingħand il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq rigward il-proposta ta' tismija ta' Triq l-Ewropa ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali Pembroke, fejn jiġi nfurmat li waqt laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż li t-triq, li fuq is-site plan mehmuża (Ara Appendiċi 'A') mmarkata parti safra u parti roża, li hija bla isem, tingħata l-isem ta' Triq l-Ewropa. Iżda minħabba li

parti minn din it-triq taqa' taħt il-konfini ta' Pembroke qiegħed jintalab li ssir laqgħa bejn is-Sindku Peter Bonello u s-Sindku Joe Zammit sabiex tiġi diskussa din il-materja biex jintlaħaq ftehim dwar it-tismija tagħha.

2.06 Rif. Nru. 2443

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Wasteserv Malta Ltd. rigward il-Bring-In Site fi Triq Mikiel Anton Vassalli, ġie deċiż unanimament li s-seperation skips jitwaħħlu wara li jsir ix-xogħol fuq il-bridge.

2.07 Rif Nru. 2502

Saret riferenza għall-ittra mingħand in-National Euro Changeover Committee rigward in-nominazzjoni ta' Kunsillier sabiex jieħu sehem fil-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro.

2.08 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona illi l-Kunsillier Karl Gouder ikun irrappreżżentant tal-Kunsill fil-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla fl-Ewro filwaqt li l-Kunsillier David Borg ikun issostitut .

2.09 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

2.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.11 Rif. Nru. 2507

B'riferenza għall-ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward it-talba li għamel il-Kunsill sabiex Triq il-Mensija u Triq Claire E. Engel jsiru one-way ġie deċiż unanimament li:-

- t-Traffic Management Directorate jiġi nfurmat illi meta saret il-laqgħa tal-lokalita' ħadd mir-residenti m'attenda.
- Il-Kunsillier Edgar Montanaro jkun inkarigat li jġib l-informazzjoni mitluba fl-ittra tat-Traffic Management Directorate u jgħaddiha lill-amministrazzjoni.

2.12 Rif. Nru. 2545

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Wise Owl Publications rigward il-ktieb *Malta at War*. Ġie deċiż unanimament li jiġi mitlub aktar informazzjoni dwar kemm hemm volumi u x'inhu l-prezz sħiħ.

2.13 Rif. Nru. 2653
B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunvent tal-Karmnu rigward talba biex il-Kunsill jagħti l-awgurju tiegħu fl-okkażjoni tal-festa tal-

Madonna tal-Karmnu fil-ktejjeb li jinħareġ f'din l-okkażżjoni, ġie deċiż unanimament li jsir reklam għall-prezz ta' Lm100.

## 3. Management Letter

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għall-Memo 9/2006 li titratta dwar is-sena finanzjarja 2005/2006 u r-rapporti li jħejju l-Awdituri tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat illi għadu ma rċeviex il-management letter. Madankollu fid-19 ta' Ġunju, l-Kunsill irċieva e-mail mingħand l-awdituri dwar xi aġġustamenti u affarijiet oħra li kienu qed jissuġġerixxu (Rif. Inc. 2764/06). Dawn ġew diskussi ma' l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani, u sat-22 ta' Ġunju 2006, u sa fejn kien possibbli, ġew ittrattati (Rif. K623/062/06) – Ara Appendiċi 'B'.

## 4. Ġemellaġġ

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi ġie avviċinat mill-Kunsillier Richard Scicluna peress li wera' interess li jsir ġemelaġġ ma' Corfu fil-Greċja. Fil-fatt diġa' saret kommunikazzjoni magħhom fejn il-Kunsill ġie mitlub jgħaddi informazzjoni fuq ir-responsabilitajiet tal-Kunsilliera u tagħrif ieħor fuq il-lokalita'. Saret riferenza wkoll għall-korrispondenza li ntbagħtet mill-Muniċipju ta' Corfu (Rif. Inc. 2880/06 u 2901/06) – Ara Appendiċi 'Ċ'.

4.02 Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Richard Scicluna.

4.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Richard Scicluna ppropona li jsir il-Ġemellaġġ mal-Muniċipju ta' Corfu.

4.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Ġie deċiż unanimament li:-

- tintbagħat ittra lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill beda t-trattattivi biex isir ġemellaġġ mal-Muniċipju ta' Corfu.

- tintbagħat ittra lill-Muniċipju ta' Corfu fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill aċċetta l-istedina tagħhom u beda l-proċess sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni li jsir dan il-ġemellaġġ.

4.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li jista jagħti l-każ li jsiru telefonati lil barra minn Mallta sabiex isir kommunikat mal-Muniċipju ta' Corfu.

4.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

5. **Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nfurma lill-Kunsill illi x-xogħolijiet fuq il-proġett għaddej b'ritmu kif mistenni. Iżda xi residenti ġibdu l-attenzjoni tal-kuntrattur, li wara nofs in-nhar u filgħaxijiet qiegħed ikun hemm xi żgħażagħ li qed jagħmlu xi ħsarat. Għalhekk il-kuntrattur nfurma lill-Kunsill li m'huwiex responsabbli għall-ispejjeż involuti minn dawn l-atti (Rif. Inc. 2178) – Ara Appendiċi 'D'.

6. **Residents' Parking Scheme**

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s'issa nħarġu elf tlett mija erba' u erbgħin (1344) permess u li r-residenti kellhom sal-5 ta' Ġunju 2006 biex japplikaw għal dan il-permess. Minbarra dan il-Kunsill qiegħed fil-proċess li joħroġ l-permessi tal-persuni li kitbu lill-Kunsill.

6.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li fil-ħarġa tal-magażin li jmis issir din in-nota:-

6.03 Dawk ir-Residenti li għadhom m'applikawx għall-permess ta' l-iSkema ta' Ipparkjar għar-Residenti huma obligati li mill-aktar fis possibbli jagħmlu dan fl-Uffiċċju tal-Kunsill bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa 12.00 p.m.

Kull resident li japplika għal permess għandu jġib miegħu l-log book u l-karta ta' l-identita' minbarra xi dokumenti oħra kif spjegat hawn taħt.

- ✓ Dawk ir-residenti li huma residenti San Ġiljan iżda huma reġistrati f'lokalita' oħra għandhom jipproduċu prova ta' dan billi jippreżentaw kopja ta' kuntratt, skrittura jew ktieb tar-riċevuti li jipprova dan.

- ✓ Dawk ir-residenti li għandhom il-vettura tagħhom, mhux reġistrata f'din il-lokalita' peress illi tkun tal-kiri jew fuq xi soċjeta kummerċali, għandhom ukoll jipproduċu prova tas-sitwazzjoni tagħhom.

- ✓ Dawk ir-residenti li, minħabba raġunijiet ta' saħħa, ikollhom bżonn ta' min iżuruhom, jistgħu japplikaw għal permessi, wara li jipproduċu ċertifikat mediku, dwar l-istat ta' saħħa tagħhom. Ma għandux jinħareġ aktar minn permess wieħed għal vettura waħda.

Dawn il-permessi huma validi għal perjodu ta' sena. Huwa fl-interess ta' kull min jinħariġlu l-permess li jara li jġeddu wara li tagħlaq is-sena u li jerġa iġib miegħu d-dokumenti meħtieġa.

- ✓ Residenti, ukoll jistgħu japplikaw għal permessi ta' ġurnata, għal meta ikollhom mistednin. Dawn ir-residenti għandhom

jipproduċu n-numri ta' reġistrazzjoni tal-vetturi tal-mistednin, u d-data tal-ġurnata.

**Dawn il-permessi kollha ma humiex transferibbli.**

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-pagamenti wkoll għar-re-imbursement tal-Kunsilliera Karl Gouder u Norman Vella.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2048 sa l-2082 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2048 sa l-2082.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li d-data tal-ġbir u l-għeluq tat-tenders tiġġedded b'xahar mil-lum għat-tenders ta':-

- Manutenzjoni u Żamma tat-Toroq u Bankini
- Provista u Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku
- Mobile Toilets biex jitqiegħdu fil-Bajja ta' Spinola
- Polza ta' Assigurazzjoni

9.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

9.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- peress li l-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu fil-preżent, talaq fit-30 ta' Ġunju 2006, din ġiet estiża b'xahrejn oħra.

- qed jinxtara s-servizz ta' Ms. Roberta Sammut minħabba l-ħruġ tal-permessi rigward l-iskema tar-Residents' Parking Scheme u xogħol ieħor klerikali peress li din diġa għandha esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill.

- l-Kunsillier Richard Scicluna ser jorganizza self-funding activities. Dati u aktar informazzjoni jingħataw aktar 'il quddiem.

9.07 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' ċertifikat li ngħata lis-Segretarja Eżekuttiv għall-kors li attendiet dwar 'The Senior Management Development Programme 2006'.

9.08 Saret riferenza għall-minuti 15/K5/06 taqsima 2 paragrafu 2.08, fejn il-Kunsill ġie ppreżentat bil-mudell ta' kif ser isir ir-reklam tal-Bobby's Studio fuq il-U-shapped barriers.

9.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill għal dan il-mudell.

9.10 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-avukat tal-Kunsill sabiex:-

- terġa tittieħed azzjoni neċessarja dwar il-belisha beacons fi triq San Ġorġ u Ġ.B. Olivier.

- jiġi nfurmat biex jieħu azzjoni neċessarja minħabba li meta sar l-embellishemt f'Paceville mill-gvern ċentrali, saru żebra crossings u ma sarx dawl magħhom.

- Jinforma lill-Kunsill dwar min hu responsabbli għaż-żebra crossings li hemm f'Paceville u mad-dawra tal-baħar li għadhom bla dawl.

9.11 Ġie deċiż unanimament li:-

- Għal issa ma ssirx laqgħa ma' l-Ispettur Calleja minħabba li l-Kunsill m'għandux materji oħra biex jiddiskuti minbarra dawk li diġa ġew diskussi f'laqgħat preċidenti.

- Tintbagħat ittra lis-Supretendent Bartolomew Mula sabiex isir aktar patrol in-naħa ta' Ta' Ġiorni speċjalment in-naħa ta' fejn qed isir il-ground u n-naħa tal-ġibjun.

- Tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur, tan-Northern Cleaning Coperative, sabiex ta' l-iscammel jibda jiġbor l-iskart minn St. George's Junction, in-naħa ta' Dean Hamlet, wara t-8.00 ta' fil-għodu u mhux qabel s-7 fil-għodu kif qed isir fil-preżent.

- s-Sindku Peter Bonello ser javviċina lil rappreżentant tad-Dean Hamlet sabiex jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni min-naħa tagħhom isir skip mill-Kunsill, fil-parti l-privata ta' St. George's Junction, biex isir użu minnu mir-residenti tal-viċinanza.

- il-pulizija u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) jiġu nfurmati li fi Triq Lapsi hemm rixtellu tal-ħadid fuq sit ta' kostruzzjoni li huwa perikoluża għall-pubbliku. Dan minħabba li huwa nieqes ħafna mill-art u fil-viċinanza hemm il-Museum tat-tfal.

- jsiru crash barriers fi Triq San Ġorġ, faċċata ta' Triq Sant'Andrija, quddiem il-Cafeteria li hemm ħdejn il-Plant Studio.

9.12 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat 3.40 p.m.

9.13 Ġie deċiż li fuq Aġenda oħra jkun hemm item biex jiġi diskuss il-possibbilta' li jinxtara van u item fuq it-Traffic Management f'Bay Junction.

9.14 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fl-4.00 p.m.

9.15 Ġie deċiż unanimament li:-

- jiġi rranġat il-bieb tal-garaxx.

- terġa' tintbagħat 'reminder' għall-ittra li l-Kunsill diġa bagħat lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex isir l-infurzar min-naħa tal-MEPA dwar il-parti tal-ħajt tal-Palazz ta' Spinola li ġie miżbugħ u ma tħallix kif kien oriġinarjament.

- Tiġi nfurmata s-sezzjoni tal-manutenzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet (District 6) sabiex jinżebgħu r-railings tal-parti ta' fuq San Ġiljan Waterpolo Club minħabba li meta nżebgħu r-railings ta' mal-promenade din il-parti ma nżebgħatx.

- Li jibda jinżamm b'Lm100 stokk ta' materjal sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jkunu jistgħu jaħdmu.

9.16 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.10 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |